# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 2 8

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3153/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Carmelo Buttigieg (k.i.383169M)**

**vs**

**Arriva Malta Limited (C-48875), u b'digriet tal-20 ta' Mejju 2014 l-isem inbidel ghal Malta Public Transport Services (Operations) Ltd**

**dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.**

<u>Illum 2 ta' Frar 2016</u>

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors li gie pprezentat minn Carmelo Buttigieg fir-Registru tal-Qorti fit-3 ta' Settembru 2013, tramite l-avukat Dottor Charmaine Cherrett.

<u>DIKJARAZZJONIJIET</u>

Ir-rikorrent beda biex iddikjara li huwa kien impjegat mas-socjeta' intimata fuq bazi indefinittiva bhala driving instructor sa mit-3 ta' Lulju 2011; imbaghad fit-30 t'Arpil 2013 inhariglu charge u fit-3 ta' Mejju 2013 saret laqgha sabiex tigi diskussa din l-ittra ta' Charge; ghal din il-laqgha r-rikorrent attenda bla avukat. Jghid li l-imsemmija charge kien fiha allegazzjonijiet mhux guramentati kontra tieghu minn terzi persuni, ghal liema xhieda ma kienx hemm korroborazzjoni. Jghid li imbaghad b'ittra tas-6 ta' Mejju 2013 huwa gie infurmat li l-impieg tieghu kien terminat b'effett minn dakinhr stess. Ir-rikorrenti appella minn din it-tkeccija skond il-procedura preskritta, u fis-17 ta' Gunju 2013 huwa deher quddiem id-Direttur tal-Operat tal-kumpanija Kim Purcell fejn huwa spjega l-

ilment tieghu. Fil-25 ta' Lulju 2013 huwa gie infurmat li l-appell tieghu ma ntlaqax u t-tkeccija tieghu giet ikkonfermata. Jghid li l-allegazzjonijiet li saru kontrih mhux biss kienu malafamanti,imma ma kienux guramentati. Jghid li hu kien ezemplari f'xoghlu u qatt ma inghata twissijiet qabel; u li huwa dejjem qeghda d-dmirijiet tal-impieg tieghu b'mod diligent. Ir-rikorrent talab li jigi dikjarat li t-tkeccija tieghu mill-impieg tigi dikjarata ingusta, u talab li jinghata rimedju ai termini tal-artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz li jigi mdahhal lura fl-impieg u li jithallas kumpens gust.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kas tieghu r-Rikorrent, fil-waqt li kkonferma l-fatti li semma qabel, zied li l-persuni li akkuzawh b'imgieba hazina ma ingiebux quddiemu imma taw dikjarazzjoni mhux mahlufa. Jghid li qatt ma kien qala' *warning* u qatt ma kellu problemi fuq ix-xoghol.

Is-socjeta' intimata ressqet id-Dikjarazzjoni tal-Kas taghha fejn qalet li (1) it-talbiet tar-rikorrent huma infondati skond kif kellu jirrizulta waqt is-smiegh tal-kas; (2) li l-impieg tar-rikorrent gie terminat minhabba raguniujiet tajba u sufficjenti fil-ligi li jiggustifikaw tkeccija; (3) li kien irrizulta li r-rikorrenti (i) kien imur tard ghax-xoghol, (ii) flok kien jibda t-training mill-ewwel kien jiehu t-trainees jiehdu kafe, avolja kien ikun wasal tard ghax-xoghol, (iii) awtorizza trainee partikolari tidhol ghax-xoghol tard, (iv) naqas li josserva l-procedura tal-First Check Use kull fil-ghodu ma' kull trainee, (v) waqt il-hin tax-xoghol kien jiehu t-trainees fil-hanut privat tieghu biex jieklu, (vi) kien inizzel informazzjoni skorretta fit-time-sheets li kien jimla dwar it-trainees, b'dan li t-trainees kienu jithallsu sahansitra ta' hinijiet li huma kienu jkunu fuq break jew ikunu ghadhom ma waslux ghax-xoghol, (vii) naqas li jimla u jipprezenta l-formoli tal-First Check Use u t-Training Books tat-trainees skond il-policies tal-kumpanija, jew ipprezentahom b'informazzjoni skorretta. Tghid li dawn in-nuqqasijiet huma aktar gravi meta kommessi minn persuna li trid taghti ezempju lit-trainees li kien iharreg. Tghid ukoll li l-procedura dixxiplinari adottata li wasslet ghat-tkeccija kienet wahda gusta, u tghid li r-rikorrent prova jintimida x-xhieda intervistati matul il-process.

PRELIMINARI

Fil-fazi inizjali ta' dan il-kaz, dan it-Tribunal gie infurmat li ma kienx hemm possibilita` ta' ftehim bonarju peress li diga' kien hemm proceduri dixxiplinari li kienu jinkludu smiegh ta' appell.  Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi terminat fiz-zmien moghti mill-ligi minhabba d-diversi xhieda prodotti li tressqu fuq numru ta' seduti.

IL-PROVI

Is-socjeta` intimata ressqet lill-Operations Director ta' dik li kienet l-Arriva Malta Kim Purcell, li semghet l-appell tar-rikorrent wara li kien ghadda procedura ta' dixxiplina quddiem Christine Camilleri.  Tghid li kien hemm zewg drivers li gew trenjati mir-rikorrent bhala bus-drivers, u li lmentaw minn diversi irregolaritajiet li kien jikkommetti r-rikorrent fil-funzjoni tieghu ta' instructor ghal biex jottjenu l-Licence D ta' bus-drivers.  Skond ma rrizultalha, dawn qalu li l-lezzjonijiet kienu jibdewhom tard, ikollhom diversi breaks u kienu qed jibzghu li mhux ser jghaddu mi-tests.  Il-kumpanija intimata kienet thallas lil dawn it-trainees waqt li qed jitghallmu, jew suppost qed jitghallmu. Hafna mill-breaks kienu jittiehdu gol-bar li l-istess rikorrent ghandu, u li tiggestih martu.  Tghid li t-trainees anke lmentaw li l-First Check, li suppost isir kull fil-ghodu l-ewwel haga qabel isuqu, kien isir biss meta jigi jew tigi xi trainee gdid/a, il-bqija ma jaghmlux.  Ir-rikorrent kien jimla u jiffirma formoli dwar il-hinijiet li t-trainees ikunu ghamlu bhala training, pero dawn kien ikun fihom informazzjoni skorretta, jew xi drabi ma jimtlewx.  Tghid li r-rikorrent ammetta maghha li spiss kien jibda l-lezzjoni bejn 5 minuti u 10 minuti tard, pero hu qal li fi 3 okkazjonijet biss.  Dwar li kien jigbor trainee fis-7:00am ir-rikorrent ammetta li kien imur jigbora wara, pero jghid li f'xi s-6:15. Ammetta li kien jigborha mill-Hamrun, u allura anke kieku sar il-First Check din kienet titilfu. Il-formoli li kien jimla ma kienux juru d-drabi li beda l-lezzjonijiet tard

u d-drabi li din it-trainee partikolari bdiet lezzjoni wara l-hin. Tghid li l-ilmenti kienu gejjin minn 4 trainees, u kollha kienu jirreferu ghall-perjodu immedjatament qabel it-tkeccija. Mistoqsija in kontroezami qattx saru ilmenti qabel, ix-xhud tosserva li gialadarba t-trainees jithallsu talli jkunu fuq training, ma kienx mistenni li jilmentaw talli l-instructor itihom aktar breaks, jew breaks itwal, jew li jibdielhom il-lezzjoni tard. In oltre t-traineees idumu biss ftit gimghat in kuntatt mal-instructor. Aktar tard regghet xhedet li l-kaz bdiet tinvestigah Joyce Cassar li rat li kien hemm ilmenti gustifikati; ghaddiet il-kaz lil Christine Camilleri li fuq dak li rrizultalha sabet li l-imgieba tar-rikorrent kienet timmerita tkeccija, u keccietu, imbaghad sar l-appell li gie quddiemha. Hi ukoll qablet li l-irregolaritajiet li kkommetta r-rikorrent kienu gravi u kien hemm lok ghal tkeccija immedjata. Tghid li fl-appell ir-rikorrent gab ruhu hazin maghha: ma weriex dispjacir ghan-nuqqasijiet tieghu, qisu xejn ma sar hazin, kien sarkastiku fi kliemu u indirizzaha b'arroganza u nuqqas ta' rispett.

Victoria Desira, bhala training assistant, spjegat li t-trainees kellhom jittrenjaw kuljum mis-6:00am sas-2:00pm mit-Tnejn sal-Gimgha ghal perjodu ta' gimghatejn jew tlieta, skond kemm idumu biex jitghallmu. Tghid li suppost kull xufier irid jaghmel round check tat-trakk kull darba li jkun ser isuqu, sabiex jekk ikun hemm xi hsara fid-dwal, roti, eccetera jirrappurtahom. L-instructor jghallem lit-trainees li din trid issir b'rutina, u naturalment ghandu jghati l-ezempju billi jaghmilha hu stess. Meta trainees kien ikollhom xi ilmenti, kienu jressquhom quddiem it-training manager li fi zmien ir-rikorrent kienet Joyce Cassar, pero' ftit zmien wara kienet telqet. Tghid li hija kienet tinzel kull fil-ghodu fis-6:00am fid-depot tal-Floriana biex tassisti kemm lit-trainees kif ukoll lill-instructors: Carmelo Buttigieg dak iz-zmien kien jigi fil-hin u jibda l-lezzjoni fil-hin. Imbaghad kien ser ikollha tarbija, u ma setghetx tibqa' tinzel hemm kull fil-ghodu. Meta kien hemm xi okazzjoni li r-rikorrent kien tard, hija cemplitlu u stennietu sa ma wasal u gabar it-trainees. L-ilmenti saru fiz-zmien li hija ma baqghetx tmur, minn certa Isabel Camilleri u Caroline Fabri. L-irregolarita' inkixfet meta r-rikorrent kien ma jiflahx u t-trainees mar ghalihom instructor iehor, certu Vince; Isabel kienet qed tistennih jigborha

mill-Hamrun ghaliex hija kienet ftehmet mar-rikorrent li taghmel hekk ta' kull fil-ghodu, u din cemplet biex tilmenta li dakinhar ma gabarha hadd. Hawnhekk ix-xhud saret taf li r-rikorrent kien qed jigbor lil din it-trainee tard u mhux mid-Depot. Minn hemmhekk ir-rikorrent beda jigi investigat.

Isabel Camilleri xhedet li hija bdiet it-training taghha mar-rikorrent, imbaghad ghal xi tliet ijiem gie bhala instructor certu Vince. Hawnhekk setghet tinnota kemm dan Vince kien aktar serju fit-taghlim tant li fil-ftit jiem li ghamlet mieghu tghallmet hafna aktar milli tghallmet mar-rikorrent. Kien jaghmlilhom ir-round check kuljum, u kuntrarju ghar-rikorrent dan ma kienx jehodhom break mis-6:00am sas-7:00am. Ir-rikorrent kien jehodhom l-ewwel siegha l-Belt ghal te. Imbaghad jiehdu break iehor ta' siegha aktar tard, u gieli kien ithom it-tielet break. Dan il-break l-iehor kienu jehduh Haz Zabbar fejn ir-rikorrent kellu hanut fejn martu u missieru kienu iservu l-klienti. Tghid li l-attendance sheet mhux hi kienet timliha imma l-instructor. Tghid li fil-waqt li r-rikorrent kwazi dejjem jaghaddihom mill-istess toroq biex imorru Haz Zabbar, ma' Vince kienu jghaddu minn hafna toroq differenti u dojoq biex jitghallmu. Tghid li wara li lmentat ir-rikorrent kien sabha barra rrabja maghha fuq ir-rapport li ghamliltlu; tghid li talabha tixhed favurih, u dan bi pjacir talli kien jghaddi ghaliha hdejn id-dar fis-7:00am flok fis-6:00am.

Xhedet ukoll Christine Camilleri, li kienet l-HR and Business Change Partner, imbaghad HR Director tal-kumpanija intimata, pero meta xhedet kienet telqet minn hemmhekk. Tghid li Joyce Cassar kienet ghadditilha kaz ta' lment minn trainees. Hija semghet lit-trainees dwar ilment li kienu jibdew lezzjonijiet tard u jmorru breaks twal. Tghid li anke trainee li jmur minuta tard kienet titnaqqaslu l-paga ghaliex titqies bhala nuqqas serju hafna, ahseb u ara instructor li kien qed jittardja hinijiet twal u jdewwem lit-trainees kollha. Tghid li l-kumpanija taghha kienet kostretta zzomm il-hinjiet tar-rotot, u kull darba li xarabank titlaq minuta tard kienet tehel multi kbar ma' Transport Malta, bhal €500 kull darba. Igifieri kienet qed issir emfasi kbira mas-

sewwieqa, trainees u instructors biex il-hin jinzamm, bla eccezzjoni ta' xejn. Tghid ukoll li kull instructor ried juri lit-trainees li kull fil-ghodu, qabel ir-rotta, iridu jiccekkjaw il-karozza sewwa, bhad-dawl, brakes, roti, u importanti li t-trainees din jitghallmuha bhala rutina. Tghid li r-rikorrent kien qed jimla l-formoli li juru li kollox kien qed isir sew, u l-kumpanija kienet qed tafdah li verament kien qed jaghmel kollox sew; pero` imbaghad irrizulta li l-affarijiet ma kienux qed isiru sew, u dak li kien qed jikteb ma kienx il-verita' . Per ezempju jekk Carmelo Buttigieg jibda lezzjoni fis-6:10am u jkollu tliet trainees, ir-rcords kienu juru li kulhadd beda fis-6:00am, u l-erbgha li huma jithallsu mis-6:00am, meta fil-fatt l-erbgha li huma jkunu bdew 10 minuti tard. Trainee partikolari, li nnotat li barra li l-lezzjoni tibda tard l-ewwel kwazi siegha tinhela sakemm imorru ghat-te`, kien ikun ahjar ghaliha li jigborha minn vicin id-dar wara li jlestu l-break tat-te f'xi s-7:00am halli tilhaq tipprepara t-tfal ghall-iskola, u hekk beda jsir. Tghid li dak iz-zmien ghalkemm il-lezzjoni ddum 8 sieghat strait, it-trainees jiehdu break waqt li xi hadd minn shabhom ikun isuq; imma kien accettat li jieqfu kollha u jinzlu mit-trakk ghal nofs siegha; din ma kinitx miktuba imma kienet haga accettabbli. Tghid li r-rikorrent kien jehodhom ghal break iehor gol hanut tieghu Haz Zabbar: il-hazin ma kienx il-fatt li kienu jmorru l-hanut tieghu imma li kienu jdumu jieklu hemm xi siegha ohra. Dan il-hela ta' hin kollu ma kienx qed jidher fit-time-sheets u allura hi kienet qed tqis it-time-sheets li kien jimla r-rikorrent bhala falsifikati jew foloz, bhala qarrieqa u b'dannu ghall-kumpanija.

Xhed Joseph Simiana, depot manager fid-depot tal-Marsa, li qal li sa mit-23 ta' Settembru 2013 r-rikorrent kien diga' beda jahdem mal-UBS bhala xufier billi rawh jahdem rotta flimkien ma' certu David Buttigieg, ghalkemm aktarx kien ilu aktar. Pero' ghar-records huwa ma kienx qed juri li qed jahdem din ir-rotta u kienu qed juru li r-rotta qed jaghmilha David Buttigieg wahdu. F'Mejju 2014 huma ndunaw b'dan u gieghlu lir-rikorrent jirregolarizza ruhu billi jirregistra ruhu bhala xufier.

Ryan Bonello xhed li huwa bus station inspector li kkonferma li r-rikorrent kien ilu zmien jahdem xufier mal-UBS imma ma rregistrax ruhu bhala xufier.

Joyce Cassar xhedet li xi zmien qabel kienet Human Resources manager mal-kumpanija intimata, ikkonfermat ir-rapport li ghamlet hi dwar dan il-kaz pero' ma setghetx tiftakar id-dettalji tieghu.

Xhedet Caroline Fabri, li kienet trainee fiz-zmien in kwistjoni, precizament mit-18 ta' April 2013, pero' sussegwentement hija telqet tghix barra minn Malta. Din tiftakar li r-rikorrent ma kienx jimla l-formoli ta' kull gurnata quddiemhom, bhal ma kien jaghmel l-instructor li gie warajh. Tikkonferma li minn zmien ghal zmien ir-rikorrent kien jigi tard. Tghid li kemm damet mieghu, il-First check ghamlitha biss l-ewwel darba li bdiet it-training, imbaghad qatt ma regghu ghamluha. Ma l-instructor li gie wara din kienu jaghmluha kuljum. Tghid li l-gurnata jibdewha nilli jmorru l-venda tal-belt ghal break ta' xi nofs siegha jew tliet kwarti, kultant siegha. Imbaghad fis-7:00-7:15am imorru jigbru lil Isabel mill-Hamrun, imbaghad dejjem l-istess rotot, jew ghal Hal Far fejn kien hemm gabbana jew ghal Haz Zabbar fejn l-instructor kellu hanut. Dan kien ikun f'xi t-8:00am, imma imbaghad kienu jergghu imorru ghal break iehor ghall-habta tal-11:30 jew nofsinhar.

Xehed imbaghad ir-rikorrenti li spjega kif kien qabad jahdem mal-Arriva f'Jannar 2011 wara li kien ilu xi 19-il sena isuq il-karozzi tal-linja, u anke ghamel 10 xhur isuq go Wales. Meta applika ghal instructor mal-Arriva, kienu ttestjawh u sabuh tajjeb hafna, u baghtu ghalih mill-ewwel. Bejn l-2011 u l-2013 ghallem hafna rgiel u nisa kif isuqu x-xarabank, u qatt hadd ma lmenta minnu. Jghid li fit-30 t'April 2013, meta l-ghada kienet festa, cemplitlu Joyce Cassar tal-Human Resources. Dak il-hin ta' bil-lejl mar l-ufficju tal-Furjana biex jigbor il-korrispondenz relattiva, u f'envelope miftuh sab ittra li kienet tghid li kien gie sospiz ghax mar tard ghax-xoghol u ghax kien jigbor trainee minn hdejn id-dar taghha, u li ma kienx qed jaghmel il-First Check ta' fil-

ghodu.  Jghid li dan First Check fil-fatt isir diversi drabi matul il-gurnata u hu kien jaghmel enfasi fuq dawk li jaghmel aktar tard ghaliex it-trainee ikunu iktar attenti wara. Jghid li t-trainees li kellu hu kollha jafuh dan, pero` ma kinux lesti jixhdu fuq dan ghax jibzghu li jitilfu l-impieg mal-Arriva. Irrizultalu li huwa ghadda dixxiplina fuq dak li rrappurtaw certa Isabelle u certa Magri, li ma xhedux quddiemu quddiem il-Bord.

Jghid li meta mar ghall-ewwel laqgha kien hemm Joyce Cassar biss, ghaliex skond hi Vicky Desira kien ahjar li ma gietx halli jigu evitati konflitti. Jghid li fost l-akkuzi kien hemm li lil certa Isabelle kien jigborha minn quddiem il-bieb ta' darha meta fil-fatt ir-rapport kien li kien jigborha minn vicin id-dar taghha, precizament mit-triq principali fejn ir-Regina Auto Dealer fil-Hamrun. Jghid li Cassar sempliciment qrat l-akkuzi bla ma harset l-ejn u talbitu jiffirma ghalihom. Hu ma accettax ghaliex skond hu kien hemm hafna gideb. Imbaghad mar ghall-Bord tad-Dixxiplina fl-ufficini tal-Arriva, fejn attendew Joyce Cassar, Christine Camilleri tal-HR ukoll, Vicky Desira, u ohra Nicole. Jghid li dakinhar kien irrabjat sew ghaliex l-akkuzi li saruli ma kienux korretti kif ukoll ghaliex Christine ghajritu "halliel" quddiem kulhadd. Christine staqsietu ghalfejn mar ikellem lix-xhieda taghhom, b'referenza ghal Isabelle, u r-rikorrent jammetti li kellem il Isabelle biex jara ghalfejn din irrappurtatu li kien jorqod fuq ix-xoghol meta dan ma kienx veru. Jghid li din ma rrisponditux. Imbaghad Vicky bdiet takkuzah li anke heddidha, meta ma kienx veru. Iddecidew li jkeccuh. Qabel dakinhar hadd ma kien kellmu biex jikkoregih. Imbaghad deher quddiem "l-Ingliza" (Kim Purcell) li quddiemha kellha speci ta' 'frame-up'.

Jghid li ghalkemm kien jaghmel hazin jasal tard ghax-xoghol, jghid li mar tard f'xi tliet okkazjonijiet biss xi 5 jew 10 minuti u minhabba t-traffiku. Jghid li kwazi l-instructors kollha ma kienux izommu l-hin.  Dwar li jmur jiehu kafe mat-trainees il-Belt, jghid li l-instructors l-ohrajn kienu jmorru jiehdu kafe Hal Far, u Vicky kienet taf tant li darba qaltlu biex flok imur il-Belt imur fejn imorru shabu. Suppost kien jibda fis-6:00am, u gieli wasal fis-6:10am; fis-6:15

jew 6:20am jitlaq,  jghaddu sal-belt jiehdu kafe, imbaghad jinzlu Blata l-Bajda u l-Hamrun biex jigbru lil Isabell fis-6:30am u jibqghu sejrin bid-dawriet. Jghid li l-Ingliz li kien ghallmu kien qallu li jista' jmur fejn irid f'Malta waqt is-sewqan, u anke jista' jmur Haz Zabbar fejn ghandu l-hanut personali tieghu. Ghalhekk kien veru li f'xi hin tal-gurnata kien isuq lejn Haz Zabbar biex meta t-trainees ikunu jridu jiehdu break imorru hemm.  Jghid li kien hemm instructors ohra shabu kienu jmorru fil-hanut tieghu gewwa x-Xghira fejn kien ikun hemm martu sservi n-nies; gieli qaltlu li instructors ohra jaghmlu siegha u siegha u nofs jiehdu l-break-fast.  Jghid li Vicky Desira kienet tighdlu biex l-attendenza, l-First Check u l-formoli jigborhom gimgha gimgha u jibghathom ma' zewgha Dennis li kien instructor ukoll, u hu kien jaghmel hekk.  Hadd qatt ma gibidlu l-attenzjoni li ma kienx qed jimliha sewwa.

In kontroezami, mistoqsi jekk ghall Bord ta Dixxiplina hax mieghu xi avukat jew rapprezentant ta' Union,  ir-rikorrent jghid li ma ha lil hadd mieghu ghax ma kellhomx union, u bhala kollegi kienu diga' tkeccew tnejn, u allura hadd ma ssogra jigi mieghu.  Ma kienx inghata l-fakulta li jiehu avukat mieghu.  Jghid li ghalkemm ix-xhieda tas-socjeta' intimata jghidu li mhux suppost jittellghu trainees minn postijiet ohra, kien hemm ftehim verbali ma Vicky Desira li jekk trainee tkun ser tigi tard jistghu itellugha minn post iehor;  jghid li anke zewgha Dennis, li kien instructor,  ukoll kien jaghmel hekk, pero' hadd ma kien lest jitla' jixhed dan  ghax jibzghu ghall-impieg taghhom. Jghid li trainee minn tieghu wehel l-ezami 3 darbiet wahhluh xi €500 jew €600, mentri trainee minn tar-ragel ta' Vicky Desira, certu Sunny, wehel 3 darbiet u tawh ir-raba' cans sa ma ghadda u baqa' jahdem hemm.  Fuq din kellu dizgwid ma' Vicky Desira, u hass li minn hemm il-quddiem qabdet mieghu u hargulu dawn l-akkuzi. Jammetti li hu ghamel nuqqasijiet, pero` Vicky Desira ressqet lilu dixxiplina mentri instructors ohra li kienu jaghmlu kollox bhala ma tressqux dixxiplina.

Christian Mallia xhed li lilu kien ghallmu r-rikorrent isuq xarabank.  Jghid li normalment kienujibdew fis-6:00am b'Round Check, imbaghad imorru break

ta' kwarta ghal kafe, imbaghad ikomplu bil-lezjoni. Kien ikollhom xi breaks ohra aktar tard. Jghid li qatt ma ra abbuzi mir-rikorrent.

Joseph Axiaq jghid li hu ukoll tghallem isuq xarabank mir-rikorrent. Dan ukoll jikkonfema li l-lezjonijiet kienu jibdew fil-hin billi jduru dawra mat-trakk, u jitilqu jsuqu. Jghid li r-rikorrent dejjem gab ruhu sew, ghenu kull meta kellu bzonn fit-taghlim, u li ghat-test ghadda mill-ewwel. Kien ilu sentejn li ghadda, u sal-jum li xhed kien ghadu xufier tax-xarabank. Kull trainee kien jigi ghall-lezjoni fejn il-Park And Ride tal-Marsa.

KONSIDERAZZJONIJIET

F'dan il-kaz mhemmx dubju li r-rikorrent irrenda ruhu hati ta' prattici hziena u addirittura abbuzivi a dannu tas-socjeta' intimata, u f'certu sent l-istess rikorrent jammettih dan. Kien jasal tard ghax-xoghol, anke jekk mhux wisq, jibda l-gurnata tax-xoghol mill-ewwel bil-break ghall-kafe meta allura jista' jiehu l-kafe qabel jibda l-hin tax-xoghol, breaks ohra imur jaghmilhom fil-hanut privat tal-familja tieghu, trainee partikolari kien jigborha mil-villagg ta' fejn toqghod aktar tard mill-hin tas-6:00am li fih suppost jibda t-training; il-formoli bid-dettalji tat-training kienu jimtlew hziena biex juru li sar training li fil-fatt ma jkunx sar, u jaqbez round-checks meta dawn isiru kuljum. Ir-rikorrent jaghti spjegazzjonijet tieghu, li minn xi daqqiet ghandhom mill-verita u drabi ohra ma jitwemnux. Fi kwalunkwe kaz, mhux ikkontestat li r-rikorrent gieli kien jasal tard ghax-xoghol minkejja li qabel is-6:00 ta' fil-ghodu ma jkunx hemm kongestjonijiet tat-traffiku. Anqas mhu kontestat li l-formoli ma kienux jimtlew tajjeb, pero' din kienet haga li s-socjeta' intimata kienet fid-dover li tissorvelja minn zmien ghal zmien sabiex tara li qed isiru sewwa. Anqas mhu kontestat li r-rikorrent kien imur ghall-breaks fil-hanut tieghu: huwa veru li break tista' tmur fejn trid, izda li dejjem imur l-istess post kien qed jippregudika t-trainees ghaliex kienu regolarment isuqu dik ir-rotta li taghti ghall-hanut tar-rikorrenti, flok ibiddlu rotot differenti. L-agir tar-rikorrenti

huwa deplorevoli u ta' ezempju hazin ghal sewwieq prospettivi tax-xarabank. Min jghallem ghandu responsabbilta' doppja f'dak li jaghmel: irid jaghmel xogholu sew ghax hekk ghandu jkun, imma jrid jaghmlu sew ukoll biex inissel fl-istudenti tieghu dik il-hegga li jaghmlu l-affarijiet sew. It-trasport pubbliku f'Malta ilu snin twal marid, partikolarment f'dak li huwa nuqqas ta' puntwalita' u nuqqas ta' dixxiplina, u ma jistax ikun li instructors ikomplu jmexxu din il-marda minn generazzjoni ghall-ohra. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li fil-waqt li r-rikorrent jidher li hu sewwieq tajjeb hafna, u intaghzel mill-ewwel, mhuxiex responsabbli biz-zejjed biex jghaddi lill-istudenti tieghu sens ta' dixxiplina u serjeta'. Ghal din ir-raguni dan it-Tribunal jifhem li hemm dubju dwar kemm is-sur Buttigieg ikun kapaci jiddixxiplina ruhu kieku kellu jigi ngaggat mill-gdid, imqar bhala sewwieq biss.

Pero' dan it-Tribunal ma jistax jieqaf hawn ghaliex l-istorja kienet mlewna. Dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif ir-rikorrent ghamel sentejn jghallem bla ebda problemi, bla ebda ilment u bla ebda warnings, u apparentement b'rizultati tajbin, imbaghad f'temp ta' xahar, precizemant f'April 2013, dan qisu sar l-aghar instructor li kellna f'Malta. Dan it-Tribunal ihoss li mhix koincidentza li l-problemi bdew fl-1 ta' April 2013, meta skond it-Training Log ta' Isabelle Camilleri (dokument VD3 a folio 123) bdiet it-training taghha mar-rikorrent. Isabelle Camilleri tghid fix-xhieda taghha li hija ghamlet jumejn training ma' Vincent Refalo u setghet tara kemm kien jghallem ahjar u b'aktar dixxiplina, u ghalhekk hija marret tirrapporta lil Carmelo Buttigieg. Pero' t-Training Log ta' Isabelle Camilleri juri li dawn il-jumejn ma Vincent Refalo kienu t-8 u d-9 ta' April. Mill-istess dokument jirrizulta li imbaghad kompliet mar-rikorrent sat-30 ta' April 2013 meta dakinhar ir-rikorrent ghamlilha t-test tat-teorija u ibbukkja ghat-test tas-sewqan. It-30 ta' April kienet il-gurnata meta r-rikorrent gie infurmat fid-9:15 ta' bil-lejl li kien qed jigi sospiz. Dan it-Tribunal kien jistenna lir-rikorrent jaghmel kontro-ezami sewwa ta' din ix-xhud, partikolarment in kwantu f'xi hin din tixhed li r-rikorrent raqad waqt ix-xoghol u tieqaf hemm; izda ghal xi raguni kontroezami ma sarilhiex. Pero` dan it-Tribunal xorta staqsa lil din ix-xhud jekk wara t-training ma' Vince ilmentatx

mar-rikorrent u din qalet li le.  Dan it-tribunal isibha ferm stramba kif din Isabelle Camilleri rat l-operat ta' Vince fit-8 u 9 ta' April, u apparentement marret tilmenta mir-rikorrent  fit-30 ta' April – tliet gimghat wara.  Isibha ferm stramba ukoll kif din Isabelle kienet komplici fl-irregolarita', in kwantu din kienet tithallas mis-6:00am meta fil-fatt kienet qed tibda' t-training taghha fis-7:00am, u kellha l-kuragg tmur tirrapporta lil min kien qed jagevolaha.  In oltre ma jirrizultax li ttiehdu passi dixxiplinari kontra din Isabelle Camilleri talli kienet komplici f'irregolarita' tripla: tithallas ta' training li m'ghamlitx, ma tmurx id-depot biex tibda l-lezzjoni, u kellha l-hinijiet fuq il-formoli hziena. Dan kollu  jikkonvinci lil dan it-Tribunal li fis-socjeta' intimata kien hemm min kellu interess juza lil din Isabelle Camilleri biex jasal ghal skopijiet ohra tieghu, u ta' dan Isabelle ghaddietha lixxa ghan-nuqqasijiet taghha.

Dan it-Tribunal irid jinnota nuqqasijiet ohra da parti tas-socjeta' intimata.  Fl-ewwel lok jinnota li r-rikorrent gie mistieden jattendi ghall-Bord ta' dixxiplina assistit minn kollega jew ufficjal ta' union.   Dan ifisser li huwa ma inghatax il-fakolta' li jkun assistit minn avukat, u tul il-kawza gie kritikat b'mod sottili ghax ma hax avukat mieghu!  Jinnota wkoll li x-xhieda Christian Mallia u Joseph Axiaq, li fit-Tribunal kellhom biss kliem ta' tifhir ghar-rikorrent, gew skartati kompletament mis-socjeta' intimata, meta dawn setghu tefghu dawl fuq il-fatt li fiz-zmien li ttrenjaw huma r-rikorrent ma kkommettiex dawk in-nuqqasijiet li rrappurtaw Isabelle Camilleri u Caroline Fabri.  Dan iwassal ghal nuqqas iehor da parti tas-socjeta' intimata: is-socjeta' intimata kellha kull opportunita' tissorvelja l-operat tar-rikorrent wara l-ilment ta' Camilleri u Fabri, pero' dan m'ghamlitux u sempliciment qaghdet fuq l-ilment taghhom.  Jinnota wkoll li Kim Purcell, li kienet responsabbli mill-appell, xhedet li ghaliha ma taghmel ebda differenza jekk impjegat ikollu warnings jew ma jkollux. Certament dan mhux sewwa ghaliex tkeccija ta' impjegat mhix cajta, u cirkostanza bhal din ghandha tinghata l-piz taghha.

Dan it-Tribunal jaqbel li n-nuqqasijiet tar-rikorrenti kienu serji, pero' dawn ma kienux incident gravi li sehh f'darba, imma fi prattika hazina.  Ghalhekk is-

socjeta' intimata dejjem setghet taghti lir-rikorrent imqarr opportunita' wahda li jirranga imgiebtu mill-bidu sal-ahhar oltre li jigi sanzjonat ghal kwalunkwe dannu li seta' kkawza lill-kumpanija, bhal nghidu ahna tnaqqis mill-paga ghall-hinijiet li wasal tard. Ghalhekk dan it-Tribunal ser isib li t-tkeccija tar-rikorrent kienet gustifikata minn hafna aspetti, partikolarment ghaliex in-nuqqasijiet tar-rikorrent kienu propjru dawk id-difetti li dejjem oskuraw it-trasport pubbliku f'Malta. Pero` l-fatt li r-rikorrent gie mghoddi fi speci ta' proceduri sommarji u ma inghata ebda piz il-fatt li ghal aktar minn sentejn mhemmx provi li xogholu m'ghamlux tajjeb, jaghmel l-procedura adottata kemmxejn ingusta. Dan it-Tribunal mhux ser jordna ingagg mill-gdid, pero' ser jirrakkomanda li r-rikorrent, fuq l-esperjenza twila li ghandu, jigi offrut impieg fi hdan is-socjeta' intimata.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet wahda parzjalment ament gustifikata, imma mhux gustifikat ghal kollox il-metodu tat-tkeccija. Ghaldaqstant, b'ekwita t-Tribunal qed jordna li s-socjeta' intimata tikkumpensa lir-rikorrent ghal dan in-nuqqas b'elfejn u hames mitt Euro (€2,500.00) fi zmien tletin jum mill-lum; pero' jekk is-socjeta' taghzel li tingagga lir-rikorrent fi kwalunkwe impieg accettabbli ghall-istess rikorrenti, dan il-kumpens jigi ridott ghal elf euro (€1,000.00). Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Dr Leslie Cuschieri**

Chairman